



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-249/16

**Saale Kareda**  
vs  
**Stefan Benkő**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Oberster Gerichtshof)

“Rinvju għal deċiżjoni preliminari - Ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali - Regolament (UE) Nru 1215/2012 - Artikolu 7(1) - Kunċetti ta' ‘materji kuntrattwali’ u ta’ ‘provvista ta’ servizzi’ - Azzjoni ta’ rkupru bejn il-kodebituri *in solidum* ta’ kuntratt ta’ kreditu - Determinazzjoni tal-post ta’ eżekuzzjoni tal-kuntratt ta’ kreditu”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-15 ta’ Ġunju 2017

1. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament Nru 1215/2012 – Kunċett ta’ materji kuntrattwali – Azzjoni ta’ rkupru bejn il-kodebituri *in solidum* ta’ kuntratt ta’ kreditu – Inklużjoni

(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1215/2012, Artikolu 7(1))

2. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament Nru 1215/2012 – Kompetenzi speċjali – Ġurisdizzjoni f'materji kuntrattwali, fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) – Provvista ta’ servizzi – Kunċett – Kuntratt ta’ kreditu konkluż bejn stabbiliment ta’ kreditu u żewġ kodebituri *insolidum* – Inklużjoni

(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1215/2012, it-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1))

3. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament Nru 1215/2012 – Kompetenzi speċjali – Ġurisdizzjoni f'materji kuntrattwali, fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) – Determinazzjoni tal-post ta’ eżekuzzjoni tal-obbligu kuntrattwali – Kuntratt ta’ kreditu konkluż bejn stabbiliment ta’ kreditu u żewġ kodebituri *insolidum* – Post tas-sede ta’ dan l-istabbiliment – Dan il-post jiddetermina wkoll il-ġurisdizzjoni speċjali sabiex tittieħed konjizzjoni tal-azzjoni ta’ rkupru bejn dawn il-kodebituri

(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1215/2012, it-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1))

1. L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta’ Diċembru 2012, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni ta’ rkupru bejn il-kodebituri *in solidum* ta’ kuntratt ta’ kreditu taqa’ taħt il-“materji kuntrattwali”, imsemmija f’din id-dispożizzjoni.

(ara l-punt 33 u d-dispożittiv 1)

MT

2. It-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li kuntratt ta' kreditu, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, konkluż bejn stabbiliment ta' kreditu u żewġ kodebituri *in solidum*, għandu jiġi kkwalifikat bħala “kuntratt ta’ provvista ta’ servizzi”, imsemmi f'din id-dispożizzjoni.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta’ “servizzi”, fis-sens tal-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Nru 44/2001, li l-formulazzjoni tiegħu hija identika għal dik tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 1215/2012, jimplika, minn tal-inqas, li l-parti li tipprovdihom twettaq attivitā partikolari bħala korrispettiv għal remunerazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta’ Lulju 2016, Granarolo, C-196/15, EU:C:2016:559, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Kif irreleva l-Avukat Ġenerali fil-punt 40 tal-konklużjonijiet tiegħu, f'kuntratt ta' kreditu konkluż bejn stabbiliment ta' kreditu u persuna li tissellef, il-provvista ta’ servizzi tinsab fl-ġhoti lit-tieni ta’ somma ta’ flus minn tal-ewwel kontra remunerazzjoni mħallsa mill-persuna li tissellef, bħala regola fil-forma ta’ interessi.

Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li tali kuntratt ta’ kreditu għandu jiġi kkwalifikat bħala “kuntratt ta’ provvista ta’ servizzi”, fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 1215/2012.

(ara l-punti 35 sa 38, u d-dispożittiv 2)

3. It-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta stabbiliment ta' kreditu jkun ta kreditu lil żewġ kodebituri *in solidum*, il-“post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, l-oġġetti [is-servizzi] ġew ikkonsenjati [ipprovduti] jew suppost li kienu kkonsenjati [pprovđuti], fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni, huwa, ħlief ftehim kunrarju, dak tas-sede ta’ dan l-istabbiliment, inkluż sabiex tiġi ddeterminata l-ġurisdizzjoni territorjali tal-qorti adita bl-azzjoni ta’ rkupru bejn dawn il-kodebituri.

(ara l-punt 46 u d-dispożittiv 3)